# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Numru 82**

**Citazzjoni Numru 60/00 GV.**

**Doc. 95/01**

**Giovanni Galea maghruf bhala "John Galea Naudi", u martu Giuseppa Galea maghrufa bhala "Josephine Galea Naudi", Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" kif ukoll John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" u martu Anna Maria Galea maghrufa bhala "Anne Marie Galea Naudi" f'isimhom proprju kif ukoll fil-kwalita' taghhom ta' genituri ta' wliedhom minuri Lisa Marie Galea maghrufa bhala "Lisa Marie Galea Naudi" u Tara Anne Galea maghrufa bhala "Tara Anne Galea Naudi".**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Premess illi mill-unjoni matrimonjali bejn il-mejtin Alfred Galea u martu Maria Galea nee' Naudi (vide dok "A"), nhar it-23 ta' Frar ta' l-1924, twieled l-Imsida tifel bl-isem ta' Giovanni Galea (vide dokument "B" u "C").

Premess illi l-imsemmi Giovanni Galea kien dejjem maghruf minn tal-familja, fl-iskola, mal-hbieb u fuq il-post tax-xoghol bhala "John Galea Naudi";

Premess illi nhar it-8 t'April 1956 l-imsemmi Giovanni Galea maghruf bhala "John Galea Naudi" izewweg lill-Giuseppa Sciortino (vide dok "D") u minn din l-unjoni matrimonjali twieldu tlett itfal, l-ewwel wahda tifla li twieldet nhar il-24 ta' Jannar, 1957 u li gie moghti lilha l-isem ta' Maria Concetta Galea (vide dok "E") u li kienet maghrufa bhala "Maria Concetta sive Mariella Galea Naudi" (u dan sakemm izzewget lill-Simon Cosby, {vide dok "F"}) kif ukoll zewg subien cioe' John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" nhar is-26 t'Ottubru 1958 (vide dok "G") u huh Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" nhar il-14 ta' Novembru, 1968 (vide dok "H");

Premess illi fil-hajja taghhom ta' kuljum, kemm huma individwalment kif ukoll bhala familja, huma dejjem uzaw il-kunjom "Galea Naudi" minflok il-kunjom Galea wahdu, liema kunjom "Galea Naudi" baqa' jintuza minnhom sal-gurnata tal-lum (vide dok "I");

Premess illi sa' mill-bidu taz-zwieg taghha l-imsemmija Giuseppa Galea dejjem irriferiet ghaliha nnifisha u l-familjari u l-qraba taghha kienu jafuha bhala "Josephine Galea Naudi";

Peress illi b'mod partikolari, kemm bintha Maria Concetta sive Mariella Cosby gia' "Galea" sive "Galea Naudi", kemm John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" kif ukoll huh Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" dejjem uzaw dawn l-ismijiet u dan il-kunjom "Galea Naudi" fil-hajja pubblika u privata taghhom, kemm fl-iskola, mal-qraba, mal-hbieb kif ukoll fuq il-post tax-xoghol, b'tali mod u manjiera li kulhadd jafhom bhala "Maria Concetta sive Mariella Galea Naudi" (u dan sakemm izzewget

lill-Simon Cosby kif inghad hawn fuq) kif ukoll "Juan Carlos Galea Naudi" u "Alfio Galea Naudi" rispettivament.

Premess illi nhar id-29 ta' Mejju, 1982 l-imsemmi John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" zzewweg lill-Anna Maria sive Anne Marie Xuereb (vide dok "J") u minn din l-unjoni matrimonjali twieldu zewgt ibniet cioe' Lisa Marie Galea maghrufa bhala "Lisa Marie Galea Naudi" nhar il-15 t'Ottubru 1983 (vide dok "K") u ohtha Tara Anne Galea maghrufa bhala "Tara Anne Galea Naudi" nhar it-23 ta' Novembru 1985 (vide dok "L").

Premess illi fil-hajja taghhom ta' kuljum dawn il-persuni kemm individwalment kif ukoll flimkien bhala familja dejjem uzaw il-kunjom "Galea Naudi" u mhux biss il-kunjom "Galea" (vide dok "M" u "N"). Fil-fatt minbarra l-imsemmi John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi", anke Anna Maria Galea maghrufa bhala "Anne Marie Galea Naudi", sa' mill-bidu taz-zwieg taghha, kif ukoll uliedha bniet hawn fuq imsemmija dejjem uzaw dan il-kunjom "Galea Naudi" fil-hajja pubblika u privata taghhom, inkluz (dawn l-ulied bniet) fl-iskola, u lkoll kemm huma mal-hbieb, mal-girien u (kwantu ghal Anne Marie) fuq il-post tax-xoghol.

Premess illi minkejja li dawn il-persuni kienu konsistentement u ripetutament juzaw u kienu riferiti bil-kunjom "Galea Naudi", dan l-istess kunjom ma huwiex il-kunjom illi huma registrati bih fl-atti tat-twelid u/jew fl-atti taz-zwieg taghhom skond il-kaz.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni u ordni li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz :

1. Tiddikjara illi l-imsemmi Giovanni Galea, bin il-mejtin Alfred Galea u Maria nee Naudi, sa' minn tfulitu huwa uza l-isem ta' "John Galea Naudi" kif ukoll illi l-familja tieghu u l-hbieb u l-kollegi tieghu dejjem

irreferew ghalih bhala "John Galea Naudi", liema isem huwa uza kontinwament u konsistentement u dan minflok l-isem tieghu registrat fl-atti civili bhala "Giovanni Galea" ;

2. Tiddikjara illi l-imsemmija Giuseppa Galea nee Sciortino, mart l-imsemmi Giovanni Galea maghruf bhala "John Galea Naudi" kienet sa' mill-bidu taz-zwieg taghha issejjah lilha nnifisha, u l-familjari, qraba u hbieb taghha dejjem gharfuha bhala "Josephine Galea Naudi", liema isem hija uzat konsistentement u kontinwament minn dak in-nhar taz-zwieg il-quddiem;

3. Tiddikjara illi l-imsemmi Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" dejjem uza dan l-istess isem ta' "Alfio Galea Naudi" u li huwa kien konsistentement u kontinwament maghruf mill-familjari, qraba u hbieb b'dan l-istess isem u dan minflok l-isem li huwa registrat bih fl-atti civili cioe' "Alfio Galea";

4. Tiddikjara illi l-imsemmi John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" dejjem uza dan l-istess isem ta' "Juan Carlos Galea Naudi" u li huwa kien konsistentement u kontinwament maghruf mill-familjari, qraba u hbieb b'dan l-istess isem u dan minflok l-isem li huwa registrat bih fl-atti civili bhala "John Galea";

5. Tiddikjara illi Anna Maria Galea, maghrufa bhala "Anne Marie Galea Naudi" mart l-imsemmi John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" kienet sa mill-bidu taz-zwieg taghha issejjah lilha nnifisha, u l-familjari taghha dejjem gharfuha bhala "Anne Marie Galea Naudi", liema isem hija uzat konsistentement u kontinwament;

6. Tiddikjara illi wlied l-imsemmija John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" u Anna Maria Galea, maghrufa bhala "Anne

Marie Galea Naudi" cioe' Lisa Marie Galea maghrufa bhala "Lisa Marie Galea Naudi" u ohtha Tara Anne Galea maghrufa bhala "Tara Anne Galea Naudi" kienu dejjem uzaw l-ismijiet rispettivi ta' "Lisa Marie Galea Naudi" u "Tara Anne Galea Naudi" u kienu maghrufa b'dan l-isem konsistentement u kontinwament mill-familjari, qraba u hbieb taghhom minflok l-ismijiet li bihom gew registrati fl-atti tat-twelid cioe' : "Lisa Marie Galea" u "Tara Anne Galea" rispettivament;

7. Tordna illi l-isem ta' "Giovanni Galea" bin il-mejtin Alfred u Maria nee Naudi kif registrat fl-att tat-twelid tieghu (1562/1924 – dok "B") jigi mibdul ghal-"John Galea Naudi" liema isem ghandu jigi hekk mibdul u registrat fl-atti civili l-ohra tieghu kollha kif ukoll fejn jirrikorri fl-atti civili kollha ta' wliedu cioe fl-att taz-zwieg tieghu ma' Giuseppa Sciortino (507/1956 – dok "D"), fl-att tat-twelid ta' bintu Maria Concetta sive Mariella Cosby gia maghrufa bhala "Maria Concetta sive Mariella Galea Naudi" (1035/1957 – dok "E") u fl-att taz-zwieg ta' l-istess (911/1981 – dok "F"); fl-att tat-twelid ta' ibnu John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" (7155/1958 – dok "G"), u fl-att taz-zwieg ta' l-istess (823/1982 – dok "J"); fl-att tat-twelid ta' ibnu Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" (4600/1968 – dok "H") liema isem ghandu jkollu jibqa jigi wzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha successivi u sussegwenti kif ukoll fl-atti civili ta' wliedu kollha u dan fejn l-istess isem jirrikorri.

8. Tordna illi l-isem ta' "Giuseppa Galea" jigi mibdul b'dak ta' "Josephine Galea Naudi", liema isem ghandu jigi hekk mibdul fl-att tat-twelid ta' bintha Maria Concetta sive Mariella Cosby gia maghrufa bhala "Maria Concetta sive Mariella Galea Naudi" (1035/1957 – dok "E") u fl-att taz-zwieg ta' l-istess (911/1981 – dok "F"); fl-att tat-twelid ta' binha John Galea maghruf bhala "Juan Carlos Galea Naudi" (7155/1958 – dok "G"), u fl-att taz-zwieg ta' l-istess (823/1982 – dok "J"); fl-att

tat-twelid ta' binha Alfio Galea maghruf bhala "Alfio Galea Naudi" (4600/1968 – dok "H") liema isem ghandu jkollu jibqa jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti kif ukoll fl-atti civili ta' wliedha kollha u dan fejn l-istess isem jirrikorri.

9. Tordna illi l-isem ta' "Alfio Galea" kif registrat fl-att tat-twelid tieghu (4600/1968 – dok "H") jigi mibdul ghal-"Alfio Galea Naudi" liema isem ghandu jkollu jibqa jigi wzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

10. Tordna illi l-isem ta' "John Galea" kif registrat fl-att tat-twelid tieghu (7155/1958 – dok "G") jigi mibdul ghal-"Juan Carlos Galea Naudi" liema isem ghandu jigi hekk mibdul u registrat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha cioe' fl-att taz-zwieg tieghu ma' Anna Maria sive Anne Marie Xuereb (823/1982 – dok "J"), fl-att tat-twelid ta' wliedu Lisa Marie Galea maghrufa bhala "Lisa Marie Galea Naudi" (5247/83 – dok "K") u ta' Tara Anne Galea maghrufa bhala "Tara Anne Galea Naudi" (12864/1985 – dok "L") liema isem ghandu jkollu jibqa' jigi wzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha successivi u sussegwenti kif ukoll fl-atti ta' wliedu hawn fuq imsemmija u wlied ohra naxxituri kull meta u kull fejn jirrikorri.

11. Tordna illi l-isem ta' "Anna Maria sive Anne Marie Galea" jigi mibdul b'dak ta' "Anne Marie Galea Naudi", liema isem ghandu jigi hekk mibdul u registrat fl-atti civili taghha kollha cioe' wara l-att taz-zwieg taghha hawn fuq imsemmi (823/1982 – dok "J"), cioe' fl-att tat-twelid ta' wliedha Lisa Marie Galea maghrufa bhala "Lisa Marie Galea Naudi" (5247/83 – dok "K") u ta' Tara Anne Galea maghrufa bhala "Tara Anne Galea Naudi" (12864/1985 – dok "L") liema isem ghandu jkollu jibqa' jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti kif ukoll fl-atti ta' wliedha hawn fuq imsemmija u wlied

ohrajn naxxituri kull meta u kull fejn jirrikorri.

12. Tordna illi l-isem ta' Lisa Marie Galea kif registrat fl-att tat-twelid taghha (5247/1983 – dok "K") jigi mibdul ghal-"Lisa Marie Galea Naudi" liema isem ghandu jkollu jibqa jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

13. Tordna illi l-isem ta' Tara Anne Galea kif registrat fl-att tat-twelid taghha (12864/1985 – dok "L") jigi mibdul ghal- "Tara Anne Galea Naudi" liema isem ghandu jkollu jibqa' jigi wzat fl-atti civili taghha l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 33 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni odjerna u ghalkhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti tat-twelied in kwistjoni m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-esponenti li allura m'ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Taht il-ligi taghna ma hemm ebda projbizzjoni li persuna tuza mhux biss kunjom missierha izda wkoll dak ta' xbubit ommha flimkien mieghu. Dan pero' ma jintitolax lil dik il-persuna li tkun li titlob u tottjeni korrezzjoni ta' l-att ta' twelid tieghu biex jizdied it-tieni kunjom fuq bazi ta' zball ghax zball ma jkunx hemm (Ara sentenza Vol LXX p2 p 129.)

Fic-citazzjoni ta' l-atturi hemm premess li minkejja li huma dejjem konsistentement u ripetutament juzaw u kienu riferiti bil-kunjom "Galea Naudi", dan l-istess kunjom ma huwiex il-kunjom illi huma registrati bih fl-atti tat-twelid u/jew fl-atti taz-zwieg taghhom skond il-kaz.

Fil-kaz in ezami fic-certifikati indikati ma hemm ebda zball billi l-kunjom ta' l-atturi huwa Galea, izda huma ghazlu wkoll li juzaw il-kunjom Naudi mieghu. Din iz-zieda kienet xelta taghhom li ghalkemm legittima ma tbiddel xejn mill-att ta' twelid jew zwieg li juri li l-kunjom hu verament Galea u ma sar ebda zball. La darba ma hemmx zball fl-atti ma jistghux l-atturi jitolbu korrezzjoni ta' l-atti fuq bazi ta' zball. Effettivament it-talbiet minn numru 7 sa 13 huma kollha fis-sens li l-Qorti tordna l-bdil tal kunjom minn Galea ghal Galea Naudi. Dawn it-talbiet kif maghmulin ma' jistghux jintlaqghu ghax m'hemmx zball fl-atti. Pero' l-atturi dejjem jistghu jaghmlu azzjoni biex minflok issir annotazzjoni fl-atti fis-sens minnhom mixtieq.

Kwantu ghal l-ewwel sitt talbiet dawn jistghu jintlaqghu peress illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi dejjem uzaw il-kunjom Galea Naudi u konsistentement u kontinwament kienu maghrufa bhala b'dan il-kunjom.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel sitt talbiet; u tichad it-talbiet l-ohra bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**